



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Frar 2016
(OR. en)

5540/16
ADD 1

CO EUR-PREP 6
POLGEN 7
AG 2
ECOFIN 44
UEM 29
SOC 35
COMPET 22
ENV 26
EDUC 11
RECH 9
ENER 13
JAI 56
EMPL 25

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew 2016: Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - Trasmissjoni lill-Kunsill Ewropew

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin l-ispjegazzjonijiet tal-modifiki dwar ir-Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

Nota ta' spjegazzjoni

- Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2016 -

L-Artikolu 2-ab(2) tar-Regolament (UE) Nru 1175/2011 li jemenda r-Regolament Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet tal-budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, li jagħmel parti mit-taqsimha 1-Aa dwar "Djalogu ekonomiku", jiddikjara li "*Il-Kunsill mistenni, bħala regola, isegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament*".

Fir-rigward ta' din ir-"regola kkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-ispjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2016 (RŻE) li l-Kummissjoni ma taqbilx magħhom.

RŻE 1

Test tal-Kummissjoni tal-aħħar sentenza:

L-Istati Membri b'bilanċi favorevoli kbar fil-kontijiet kurrenti għandhom jimplimentaw bħala miżuri ta' prijarità li jgħinu biex it-tifdil eċċessiv jiġi kkanilizzat lejn l-ekonomija domestika u b'hekk jiġi stimulat l-investiment domestiku.

Test maqbul:

L-Istati Membri b'bilanċi favorevoli kbar fil-kontijiet kurrenti għandhom jimplimentaw bħala prijarità, miżuri, inklużi riformi strutturali, li jgħinu fit-tisħiħ tad-domanda domestika u l-potenzjal għat-tkabbir tagħhom.

Spjegazzjoni:

Id-domanda domestika hija usa' mill-investment, u għalhekk aktar adatta għad-differenzi bejn iċ-ċirkostanzi ta' Stati Membri b'bilanċi favorevoli kbar fil-kontijiet kurrenti. It-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir hija raġuni importanti biex jittieħdu l-miżuri elenkati f'din ir-rakkomandazzjoni. Ir-riformi strutturali huma sikwit meħtieġa biex għal żmien twil isaħħu l-potenzjal tat-tkabbir, u taħt ċerti kundizzjonijiet jistgħu jstimulaw id-domanda domestika inkluż fuq perijodu iqsar ta' żmien. Barra minn hekk, il-Premessa 2 tat-test tal-Kummissjoni tiddikjara li "L-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ambizzjużi li jżidu l-produttività u jagħtu spinta lill-potenzjal tat-tkabbir jeħtieġ li tissaħħa f'konformità mal-prijoritajiet tal-politika stabbiliti fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2016 għall-Istati Membri kollha tal-UE".
